**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 30 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 1582/01AE**

**Calcedonio u Rita konjugi Bilocca**

**Vs**

**Roberto Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' disgha mija u wiehed u sebghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm971.28), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fi Triq l-Gharghar 1979, Qormi fid-19 ta' Lulju 2001 ghal habta tat-3.00 p.m. bejn il-vettura tal-marka Toyota bin-numru HAT 176 li kienet misjuqa minn

Angelo Bilocca u vettura tal-marka Vauxhall bin-numru IAA 785 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut peress li meta l-vetturi kienu *'oncoming'* ghal xulxin il-konvenut qabez nofs it-triq minn wara vann.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta t-talba ta' l-atturi.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Fid-19 ta' Lulju 2001 sehh incident tat-traffiku gewwa Triq l-Gharghar, Qormi bejn vettura tal-marka Toyota (numru HAT 176) misjuqa minn Angelo Bilocca (iben l-atturi) u vettura tal-marka Vauxhall (numru IAA 785) misjuqa mill-konvenut.

2. Mill-iskizz li gie ipprezentat mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jirrizulta li l-incident tat-traffiku in kwistjoni sehh f'liwja. Mix-xhieda moghtija mill-konvenut (seduta tas-16

ta' April 2002) jirrizulta li l-vettura tal-konvenut kienet qeghda wara vann. F'hin minnhom dan il-vann waqaf sabiex jinzlu l-passiggieri minn fuqu, u l-konvenut ghamel manuvra ta' sorpass. Kompla jghid: *"F'daqqa wahda jien rajt karrozza gejja mid-direzzjoni opposta ghal fuqi. Bid-daqqa l-karrozza tieghi intefghet mal-hajt..... Fil-hin li sehh l-incident, il-karrozza tieghi kienet kollha fuq sajdi. Kont ghadni kif dhalt fuq sajdi meta sehh l-incident".* In kontro-ezami l-konvenut ikkonferma:

- *"sabiex jiena stajt naghmel din il-manuvra, li bih qbizt dan il-van,* ***jiena kelli mmur wrong side****. Kienet nofs il-karrozza tieghi li marret wrong – side meta ghamilt din il-manuvra".*

- *"peress illi t-triq hemmhekk mhijiex qieghda ghad-dritt, jiena ma stajtx nara jekk humiex gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta qabel ma ddecidejt li naqbez il-vann".* Il-pulizija li nvestiga l-kaz ikkonferma wkoll li f'partijiet tat-triq fejn sehh l-incident *"titlef il-vista tal-vetturi li jkunu gejjin mill-faccata tieghek"* (xhieda moghtija fis-seduta tas-26 ta' Frar 2002). Ir-Regolament numru 185 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq jipprovdi: ***"taqlax vetturi… meta l-vizibilita ma tippermettix li taghmel dan minghajr periklu"***. Il-konvenut ghamel proprju l-kuntrarju ta' dak li jipprovdi dan ir-regolament.

3. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut, tikkonferma li huwa unikament responsabbli ghall-incident *de quo*. L-incident sehh peress li l-konvenut ma regax lehaq ha postu fit-triq, wara li ghamel manuvra ta' sorpass fuq il-vann li waqfet quddiemu. Mill-provi li tressqu, m'huwiex verosimili li l-wara li ghamlet is-sorpass il-vettura tal-konvenut kienet regghet dahlet f'postha.

4. Il-gurisprudenza kostantement issottolinejat li l-manuvra ta' sorpass hija delikata u tali li tixhet fuq is-sewwieq tal-vettura li jkun ser jaghmel din il-manuvra obbligi aktar gravi (ara **William Buhagiar vs Nazzareno Borg** [Vol. XLIII.i.243] u **Alfred Zammit Cutajar noe vs Joseph Formosa et** [Vol. XLV.i.253]). Dan ma jfissirx li s-sorpass huwa projbit, pero ghandu jsir bil-prudenza mehtiega. L-awtur Charlesworth (*The Law of Negligence*, pagna 78, Tieni Edizzjoni) jghid: *"The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see if it is safe to do so… a driver should not overtake at a corner or bend… or a crossroad. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic"*. Principji li gew applikati kemm meta s-sorpass ikun ta' vettura miexja, kif ukoll meta jirrigwarda sorpass ta' vettura wieqfa. Gialdarba l-konvenut stess ikkonferma li l-vizwali tieghu ma kenitx fit-tul, il-konvenut qatt ma messu ttenta manuvra ta' sorpass f'dik il-parti tat-triq. Bil-manuvra li ghamel, il-konvenut qieghed lilu

nnifsu u lill-haddiehor f'periklu cjar. It-Tribunal huwa konvint li s-sewqan tal-konvenut kien il-kawza prossima ta' l-incident tat-traffiku meritu tal-kawza, u holoq ostakolu inaspettat lis-sewwieq l-iehor li fic-cirkostanzi ma setgha jaghmel xejn biex jevita l-incident. Huwa principju stabbilit, li *"the driver who is on the wrong side of the highway in violation of the rule of the road is generally the cause of the collision and therefore responsible for the damage sustained by the one driving on the proper side, provided the latter was exercising reasonable care"* (Gibb & Milner – The Trial of Motor Car Accident Cases, Sezzjoni 73 p. 64).

5. Fir-rigward tas-sewwieq l-iehor (Angelo Bilocca), it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura. Mill-iskizz jidher bic-cjar li l-vettura Toyota:

- Ma kenitx ghaddejja b'velocita iktar minn suppost (dan kuntrarjament ghal dak li xehed il-konvenut).

- Dejjem baqghet izzomm man-naha taghha tat-triq. Il-brejk mark tul tnax-il metru jikkonferma dan il-fatt.

Fil-fehma tat-Tribunal, is-sewwieq tal-vettura Toyota gie konfrontat b'emergenza subitaneja kif fuq spejgat, u ma

jirrizultax li l-incident huwa dovut ghal xi negligenza jew sewqan hazin min-naha tieghu.

6. Fir-rigward tad-danni reklamati, il-konvenut illimita ruhu billi ikkontesta s-somma ta' mija u sittin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm160.55). Dan l-ammont jirreferi ghall-*parts* elenkati fil-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar 2002 (fol. 28-29). It-Tribunal huwa tal-fehma li l-kontestazzjoni hija gustifikata biss fir-rigward tas-somma ta' tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm23.50) li tirreferi ghall-mera tan-naha tas-sewwieq. Fir-rigward tad-danni l-ohra dawn gew sodisfacentement ippruvati (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Mark Zammit moghtija fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2002).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' Lulju 2001 gewwa Triq l-Gharghar 1979, Qormi bejn il-vettura tal-marka Toyota (numru HAT 176) u l-vettura tal-marka Vauhall (numru IAA 785).

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disgha mija u sebgha u erbghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm947.78) bhala danni.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba u bl-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**